31997L0019

16.5.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 125/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/19/KE

tat-18 ta' April 1997

li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 70/221/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x' jaqsmu mat-tankijiet ta' karburant likwidu u l-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/221/KEE tal-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x' jaqsmu mat-tankijiet ta' karburant likwidu u l-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 81/333/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi d-Direttiva 70/221/KEE hija waħda mid-direttivi separati fil-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilita mid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4]; billi, konsegwentement, id-disposizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 70/156/KEE li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ta' vetturi japplikaw għad-Direttiva 70/221/KEE;

Billi, b'mod partikolari, skond l-Artikoli 3(4) u 4(3) tad-Direttiva 70/156/KEE huwa neċessarju li kull direttiva separata jkollha anness magħha dokument ta' informazzjoni li jinkorpora l-punti rilevanti ta' l-Anness I għad-Direttiva 70/156/KEE u wkoll ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ibbażat fuq l-Anness VI għad-Direttiva 70/156/KEE sabiex l-approvazzjoni tat-tip tkun tista' tiġi kompjuterizzata;

Billi dawn l-emendi jirrelataw biss għad-dispozizzjonijiet amministrattivi kontenuti fid-Direttiva 70/221/KEE; billi mhuwiex neċessarju għalhekk li jiġu invalidati approvazzjonijiet eżistenti skond id-Direttiva 70/221/KEE u lanqas li jiġu pprevenuti r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda koperti b'dawn l-approvazzjonijiet;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku stabbilit bid-Direttiva 70/156/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 70/221/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'vettura' tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur maħsuba għal użu fit-triq, bil-karrozzerija jew mingħajrha, li jkollha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li teċċedi 25 kilometru fis-siegħa, u l-karrijiet tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji u ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija u l-makkinarju mobbli kollu.";

2. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2:

"fit-tifsira ta' l-Artikolu 9a tad-Direttiva 70/156/KEE u installat skond il-ħtiġiet tal-punt II.5 ta' l-Anness."

huwa sostitwit b':

"fit-tifsira ta' l-Artikolu 2a tad-Direttiva 70/156/KEE u installat skond il-ħtiġiet stabbiliti fil-punt 5 ta'l-Anness II."

[1] ĠU Nru L 76, tas-6.4.1970, p. 23
[2] ĠU Nru L 131, tat-18.5.1981, p. 4.
[3] ĠU Nru L 42, tat-23.2.1970, p. 1.
[4] ĠU Nru L 18, tal-21.1.1997, p. 7.

(b) fil-paragrafu 3:

"fit-tifsira ta' l-Artikolu 9a tad-Direttiva 70/156/KEE, jissodisfa l-ħtiġiet rilevanti stabbiliti fl-Anness."

huwa sostitwit b':

"fit-tifsira ta' l-Artikolu 2a tad-Direttiva 70/156/KEE, jissodisfa l-ħtiġiet rilevanti stabbiliti fl-Anness II."

3. L-Artikolu 2a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2:

"fit-tifsira ta' l-Artikolu 9a tad-Direttiva 70/156/KEE, u installat skond il-ħtiġiet stabbiliti fil-punt II.5 ta' l-Anness."

huwa sostitwit b':

"fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE u installat skond il-ħtiġiet stabbiliti fil-punt 5 ta'l-Anness II."

(b) fil-paragrafu 3, 'l-Artikolu 9a' huwa sostitwit bl-'L-Artikolu 2';

4. fl-Artikolu 2b, 'il-punti II.2.1 u II.2.2 ta' l-Anness' huwa sostitwit bil-'punti 2.1 u 2.2 ta' l-Anness II';

5. fl-Artikolu 3, 'il-punt I' huwa sostitwit bl-'L-Anness I';

6. l-Anness huwa sostitwit bl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

B'effett mill-1 ta' Ottubru 1997, Stati Membri

— m'għandhomx iktar jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(1) u, jekk applikabbli, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE, u

— jistgħu jirrifjutaw l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali,

għall tip ta' vettura ġdida għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tankijiet tal-karburant likwidu u protezzjoni tal-qiegħ fuq wara, jew għal tip ġdid ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara ta' vetturi mezz bħala unità teknika separata, jekk jonqos li jikkonofrma mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 70/221/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

Din id-Direttiva m' għandhiex tinvalida kwalunkwe approvazzjoni mogħtija qabel skond id-Direttiva 70/221/KEE u lanqas tipprevjeni estensjonijiet ta' dawn l-approvazzjonijiet skond il-kondizzjonijiet tad-Direttiva li taħthom kienu oriġinarjament mogħtija.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Settembru 1997. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikollhom magħhom din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi addottata mill- Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' April 1997.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

LISTA TA' L-ANNESSI

Anness I: Tankijiet għal karburant likwidu

Appendiċi 1: Dokument ta' informazzjoni

Appendiċi 2: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE

Anness II: Protezzjoni tal-qiegħ fuq wara

Appendici 1: Dokument ta' informazzjoni (vettura)

Appendiċi 2: Dokument ta' informazzjoni (unità teknika separata)

Appendiċi 3: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE (vettura)

Appendiċi 4: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE (unità teknika separata)

Appendiċi 5: Marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

ANNESS I

TANKIJIET GĦAL KARBURANT LIKWIDU

1. SKOP

1.1. Dan l-Anness japplika għal vetturi li tapplika għalihom id-Direttiva 70/156/KEE.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

2.1. "Tip ta' vettura fir-rigward ta' tankijiet ta' karburant" tfisser vetturi li ma jvarjawx essenzjalment f'aspetti bħal:

2.1.1. l-istruttura, l-forma, d-dimensjonijiet u materjali ta' tank (ijiet);

2.1.2. il-pożizzjoni tat-tank (ijiet) fil-vettura (lemin u/jew xellug, quddiem, wara, ċentru.

2.2. "Tank" ifisser it-tank (ijiet) maħsuba biex jikkontjenu l-karburant likwidu, kif definit f'2.3, użat primarjament għall-propulsjoni tal-vettura eskluża l-aċċessorji tagħha (il-pajp għall-mili (jekk huwa element separat), it-toqba għall-mili, it-tapp, il-kalibratur, konnessjonijiet mal-makna jew għall-kumpens ta' pressjoni eċċessiva interjuri, eċċ.).

2.3. "Karburant likwidu" ifisser karburant li huwa likwidu f'kondizzjonijiet ambjentali normali.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT- TIP KE

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tat-tankijiet tal-karburant tagħha skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura.

3.2. Mudell għad-dokument ta' informazzjoni huwa mogħti fl-Appendiċi 1.

3.3. Dan li ġej għandu jiġi sottomess lis-servizz tekniku responsabbli għat-twettieq ta' testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip:

3.3.1. Vettura rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata jew tal-partijiet tal-vettura li s-servizz tekniku iqis neċessarji għal testijiet ta' approvazzjoni.

4. L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

4.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti huma sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, jekk applikabli, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.

4.2. Mudell għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE huwa mogħti fl-Appendiċi 2:

4.3. Numbru ta' approvazzjoni skond l-Anness VII għad-Direttiva 70/156/KEE għandu jiġi assenjat lil kull tip ta' vettura approvata. L-istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

5.1. Tankijiet tal-karburant għandhom ikunu magħmula b'tali mod li jirreżistu l-korrożjoni. Għandhom jissodisfaw it-testijiet ta' ċarċir imwettqa mill-manifattur bi pressjoni ugwali għad-doppju tal-pressjoni operattiva imma kwalunkwe każ mhux inqas minn 1,3 *bar*. Kwalunkwe pressjoni eċċessiva jew kwalunkwe pressjoni li teċċedi l-pressjoni operattiva għandha tkun awtomatikament ikkumpensata b'mezz adattat (ventijiet, valvoli ta' sigurtà, eċċ.). Il-ventijiet għandhom ikunu maħsuba b' tali mod li jipprevjenu kwalunkwe riskji ta' nar. Il-karburant m'għandux jgħaddi mit-tapp tat-tank tal-karburant jew mill-mezz provdut sabiexjikkumpensa pressjoni eċċessiva, anke jekk it-tank jinqeleb kompletament: taqtira għandha tiġi ttollerata.

5.2. Tankijiet tal-karburant għandhom jiġu installati b'tali mod li jiġu protetti mill-konsegwenzi ta' impatt fuq quddiem jew wara tal-vettura; m'għandu jkun hemm ebda partijiet prominenti, truf jaqtgħu, eċċ., ħdejn it-tankijiet.

6. MODIFIKI TAT-TIP U EMENDI GĦAL APPROVAZZJONIJIET

6.1. Fil-każ ta' modifiki tat-tip approvat skond din id-Direttiva, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw

7. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

7.1. Bħala regola ġenerali, miżuri sabiex jassiguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Appendiċi 1

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru…

skond l-Anness I mad-Direttiva 70/156/KEE (*) li tikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tankijiet tagħha ta' karburant likwidu

(Id-Direttiva 70/221/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tiġi tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinn għandu jingħata fi skala adatta u f'dettall suffiċjenti fuq karti ta' daqs A4 jew fuq *folder* ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1 Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):.....

0.2 It-Tip u d-deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:.....

0.3 Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura ([b]):.....

0.3.1. Il-lok ta' dak l-immarkar:.....

0.4. Il-Kategorija tal-vettura ([c]):.....

0.5. L-Isem u l-indirizz tal-manifattur:.....

0.8. L-Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:.....

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1.1 Ritratti u/jew tpinġijiet ta' vettura rappreżentattiva (stili differenti ta' karrozzerija biss):.....

3. L-IMPJANT TA' L-ENERĠIJA ([q])

3.2.2. Karburant: żejt tad-diżil/petrol/LPG/kwalunkwe ieħor ([1])

3.2.3. Tank(ijiet) tal-karburant

3.2.3.1. Tank(ijiet) tal-karburant tas-servizz

3.2.3.1.1. In-Numru, l-kapaċità, il-materjal:.....

3.2.3.1.2. Disinn u deskrizzjoni teknika tat-tank(ijiet) bil-konnessjonijiet kollha u l-linji kollha tas-sistema ta' arja u ta' ventijiet, egħluq, valvoli, mezzmezzi ta' qfil:.....

.....

3.2.3.1.3. Disinn li juri b'mod ċar il-pożizzjoni tat-tank(ijiet) fil-vettura:.....

3.2.3.2. It-Tank(ijiet) ta' karburant ta' riżerva

3.2.3.2.1. In-Numru, l-kapaċità, il-materjal:.....

3.2.3.2.2. Disinn u deskrizzjoni teknika tat-tank(ijiet) bil-konnessjonijiet kollha u l-linji kollha tas-sistema ta' arja u ta' ventijiet, egħluq, valvoli, mezzi ta' qfil:.....

.....

3.2.3.2.3. Disinn li juri b'mod ċar il-pożizzjoni tat-tank(ijiet) fil-vettura:.....

.....

(Data, *file*)

(*) In-numri tal-punti u tan-noti ta' qiegħ il-paġna wżati f'dan id-dokument ta' l-informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti li mhumiex relevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva thallew barra.

([1]) Ħassar fejn mhux applikabbli

Appendiċi 2

MUDELL

(format massimu: A4 (210 x 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' approvazzjoni

Komunikazzjoni li tikkoncerna:

— l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) fir-rigward tad-Direttiva…/…/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:.....

Raġuni għall-estensjoni:.....

SEZZJONI I

0.1.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):.....

0.2. It-Tip u d-deskrizzjoni(ijiet) ġenerali kummerċjali:.....

0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni ta-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/il-komponent/l-unità teknika separata ([1]) ([2]):.....

.....

0.3.1. Il-lok ta' dak l-immarkar:.....

0.4. Il-Kategorija tal-vettura ([1]) ([3]):.....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:.....

0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal- KE:.....

0.8. L-Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:.....

SEZZJONI II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara l-Addendum

2. Is-servizz tekniku responsabbli għat-twettieq tat-testijiet:.....

3. Id-data tar-rapport tat-test:.....

4. In-numru tar-rapport tat-test:.....

5. Rimarki (jekk hemm): ara l-Addendum

6. Il-Post:.....

7. Id-Data:.....

8. Il-Firma:.....

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa meħmuż.

(1) Ħassar fejn mhux applikabbli
(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip jikkontjeni karattri mhux rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tip ta' vettura, komponent jew unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, dawn il-karattri għandhom jiġu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: "?" (eż. ABĊ??123??)
(3) Kif definit fl-Anness II is-Sezzjoni A mad-Direttiva 70/156/KEE

Addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru…

Li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-Direttiva 70/221/KEE (tankijiet tal-karburant) kif l-aħħar emendat bid-Direttiva…/…/KE

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Il-Materjal:.....

1.2. Il-Kapaċità:.....

1.3. Il-lokal (ijiet):.....

1.4. Il-Karburant: żejt tad-diżil/petrol/kwalunkwe ieħor (1)

5. Rimarki:.....

(1) Ħassar fejn mhux applikabbli

L-ANNESS II

IL-PROTEZZJONI TAL-QIEGĦ FUQ WARA

1. ĠENERALI

Il-vetturi koperti b'din id-Direttiva għandhom jiġu ddisinjati sabiex jipprovdu protezzjoni effettiva kontra *underruning* minn wara minn vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 ([1]).

2. DEFINIZZJONIJIET

2.1. It-Tip ta' vettura għall-iskopijiet ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara

L-espressjoni 'tip ta' vettura għall-iskopijiet ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara' tfisser vetturi li ma jvarjawx essenzjalment fir-rigward tal-karatteristiċi prinċipali li ġejjin:

2.1.1. il-wisa' tal-fus ta' wara, l-istruttura, d-dimensjonijiet, il-forma u l-materjali tal-parti ta' wara tal-vettura sa fejn għandhom effett fuq il-ħtiġiet ta' 5.1 sa 5.4.5.5;

2.1.2. il-karatteristiċi ta' sospensjoni sakemm għandhom effett fuq il-ħtiġiet ta' 5.1 sa 5.4.5.5;

2.1.3. it-tip ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara, jekk imwaħħal.

2.2. It-Tip ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara

L-espressjoni 'tip ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara' tfisser mezzi li ma jvarjawx essenzjalment fir-rigward tal-karatteristiċi prinċipali li ġejjin:

2.2.1. il-forma;

2.2.2. id-dimensjonijiet;

2.2.3. it-twaħħil;

2.2.4. il-materjali.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

3.1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE fir-rigward ta' tip ta' vettura

3.1.1. L-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura.

3.1.2. Mudell għad-dokument ta' informazzjoni huwa mogħti fl-Appendiċi 1.

3.1.3. Vettura rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata għandha tiġi sottomessa lis-servizz tekniku responsabbli għat-twettieq ta' testijiet ta' approvazzjoni tat-tip.

3.2. Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KE fir-rigward ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara kkunsidrat unità teknika separata

3.2.1. Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE fir-rigward ta' mezz prottetiv tal-qiegħ fuq wara kkunsidrat unità teknika separata fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mill-manifattur tal-mezz għall-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara.

3.2.2. Mudell għad-dokument ta' informazzjoni huwa mogħti fl-Appendiċi 2.

3.2.3. Kampjun wieħed tat-tip ta' mezz protettiv tal-qiegħ fuq wara li għandu jiġi approvat għandu jiġi sottomess lis-servizz tekniku li jmexxi t-testijiet. Dak is-servizz jista', jekk huwa kkunsidrat neċessarju, jitlob kampjun ieħor. Il-kampjuni għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar u b'mod li ma jitħassarx bl-isem kummerċjali ta' l-applikant jew bit-*trade mark* tiegħu u bid-deskrizzjoni tat-tip.

([1]) Kif definit fl-Anness II is-Sezzjoni A mad-Direttiva 70/156/KEE.

4. L-GĦOTI TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

4.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti jiġu sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, jekk applikabli, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom jingħataw.

4.2. Mudell għac-certifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE huwa muri f':

4.2.1. L-Appendiċi 3 għal applikazzjonijiet imsemmija f'3.1; u

4.2.2. L-Appendiċi 4 għal applikazzjonijiet imsemmija f'3.2.

4.3. Numru ta' approvazzjoni skond l-Anness VII mad-Direttiva 70/156/KEE għandu jiġi assenjat għall kull tip ta' vettura, jew kull tip ta' mezz ta' protezzjoni fuq wara approvat. L-istess Stat Membru m'għandux jagħti l-istess numbru lil tip ieħor ta' vettura, jew lil tip ieħor ta' mezz ta' protezzjoni fuq wara.

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

5.1. Il-vetturi kollha għandhom ikunu mibnija u/jew mgħammra sabiex joffru protezzjoni effettiva fuq il-wisa' kollu tagħhom kontra *underrunning* fuq wara minn vettura tal-kategoriji M_1 u N_1 [1].

5.2. Kwalunkwe vettura f'waħda mill-kategoriji M_1, M_2, M_3, N_1, O_1 jew O_2 [1] titqies li tissodisfa l-kondizzjoni stabbilita f'5.1:

— jekk tissodisfa il-kondizzjonijiet stabbiliti f'5.3, jew

— jekk id-distanza mill-art tal-parti ta' wara tal-vettura mhux mgħobbija ma teċċedix 55ċm fuq wisa' li mhijiex iqsar min dik tal-fus ta' wara b'aktar minn 10ċm fuq kull naħa (eskluż kwalunkwe *tyre* espost viċin l-art).

Meta hemm aktar minn fus ta' wara wieħed, il-wisa' li għandha tiġi kkunsidrata hija dik ta' l-iktar wiesgħa.

Din il-ħtieġa għandha tiġi sodisfatta mill-inqas fuq linja f'distanza ta' mhux aktar min 45ċm mill-estremità tan-naħa ta' wara tal-vettura.

5.3. Kwalunkwe vettura f'waħda mill-kategoriji N_2, M_3, O_3 jew O_4 [1] tities li tissodisfa l-kondizzjoni stabbilita f'5.1 basta li:

— il-vettura hija mgħammra b'mezz protettiv speċjali tal-qiegħ fuq wara skond il-ħtiġiet ta'5.4, jew

— il-vettura fuq in-naħa ta' wara hija ħekk maħsuba u/jew mgħammra sabiex minħabba il-forma u karatteristiċi tagħha, l-partijiet komponenti tagħha jistgħu jitqiesu bħala li jissostitwixxu l-mezz protettiv tal-qiegħ fuq wara. Komponenti li l-funzjoni kombinata tagħhom jissodisfaw il-ħtiġiet stabbiliti f'5.4 huma meqjusa li jiffurmaw mezz protettiv tal-qiegħ fuq wara.

5.4. Mezz għal protezzjoni kontra *underrunning* fuq wara, hawnhekk iżjed 'il quddiem magħruf bħala 'l-mezz', ġeneralment jikkonsisti fi '*cross-member*' u komponenti ta' konnessjoni marbuta mas-*side members tax-chassis* jew ma' kwalunkwe ħaġa li tissostitwihom.

Għandu jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:

5.4.1. il-mezz għandu jkun imwaħħal viċin kemm jista' jkun għan-naħa ta'wara tal-vettura. Meta l-vettura ma tkunx mgħobbija [2] it-tarf l-iktar baxx tal-mezz ma' għandu f'ebda punt ikun iktar minn 55ċm 'l fuq mill-art;

5.4.2. Il-wisa' tal-mezz ma għandu f'ebda punt jeċċedi l-wisa' tal-fus ta' wara mkejjel mill-punti l-aktar fuq barra tar-roti, u eskluża l-projjezzjoni tat-*tyres* qrib l-art, u lanqas m'għandha tkun aktar minn 10ċm iqsar fuq kull naħa. Meta hemm aktar minn fus wieħed fuq wara, il-wisa' li għandha tiġi kkunsidrata hija dik l-aktar wiesgħa.

5.4.3. l-għoli tas-sezzjoni tal-*cross-member* m'għandux ikun anqas minn 10ċm. L-estremitajiet laterali tal-*cross-member* m'għandhomx jitgħawġu għan-naħa ta' wara jew ikollhom tarf jaqta' fuq barra; din il-kundizzjoni hija sodisfatta meta l-estremitajiet laterali tal-*cross-member* huma ttundjati fuq barra u għandhom raġġ ta' kurvatura ta' mhux anqas minn 2,5mm;

5.4.4. il-mezz jista' jkun iddiżinjat b'tali mod li l-pożizzjoni tiegħu fuq in-naħa ta' wara tal-vettura tista' tiġi varjata. F'dan il-każ, għandu jkun hemm metodu garantit biex jiġi assigurat fil-pożizzjoni tas-servizz sabiex b'ħekk tiġi prekluża kwalunkwe bidla mhux intenzjonata ta' pożizzjoni. Għandu jkun possibbli għall-operatur li jvarja l-pożizzjoni tal-mezz billi japplika forza li ma teċċediex 40 daN;

[1] Kif definit fl-Anness II is-Sezzjoni A mad-Direttiva 70/156/KEE.
[2] Kif definit fil-partita 2.6 ta' l-Appendiċi 1.

5.4.5. il-mezz għandu joffri reżiżtenza adegwata għal forzi applikati paralleli għall-assi longitudinali tal-vettura, u jkun imqabbad meta fil-pożizzjoni tas-servizz mas-*side-members* tax-*chassis* jew ma' kwalunkwe ħaġa li tissostitwihom.

Din il-ħtieġa tiġi sodisfatta jekk jintwera li kemm waqt u kemm wara l-applikazzjoni d-distanza orizzontali bejn in-naħa ta' wara tal-mezz u n-naħa ta' wara estrema tal-vettura ma teċċediex 40ċm fi kwalunkwe mill-punti P1, P2 u P3. Fil-kejl ta' din id-distanza, kwalunkwe parti tal-vettura li hija iktar minn 3m 'il fuq mill-art meta l-vettura mhijiex mgħobbija għandha tiġi eskluża;

5.4.5.1. il-punti P1 huma lokalizzati 30ċm mill-pjani longitudinali tanġenzjali għat-truf fuq barra tar-roti fuq il-fus ta' wara; il-punti P2 li huma allokati fuq il-linja li tgħaqqad il-punti P1, huma simettriċi għal pjan medjan longitudinali tal-vettura f'distanza minn xulxin ta' 70 sa 100ċm inklużivi, waqt li l-pożizzjoni eżatta tiġi speċifikata mill-manifattur. L-ogħli 'l fuq mill-art tal-punti P1 u P2 għandu jiġi definit mill-manifattur tal-vettura fil-linji li żammew il-mezz orizzontalment. L-għoli ma għandux, madankollu, jeċċedi 60ċm meta l-vettura mhijiex mgħobbija. P3 huwa l-punt ċentrali tal-linja dritta li tgħaqqad il-punti P2;

5.4.5.2. forza orizzontali ta' 12,5 % tal-massa massima teknikament permessibbli tal-vettura imma li ma teċċediex 2,5 x 10^4N għandha tiġi applikata suċċessivament liż-żewġ punti P1 u P3;

5.4.5.3. forza orizzontali li tikkorrispondi għal 50 % tal-massa massima teknikament permessibbli tal-vettura imma li ma teċċediex 10 x 10^4N għandha tiġi applikata suċċessivament liż-żewġ punti P2;

5.4.5.4. il-forzi speċifikati f'5.4.5.2 u 5.4.5.3 fuq għandhom jiġu applikati separatament. L-ordni li fiha l-forzi huma applikati tista' tiġi speċifikata mill-manifattur;

5.4.5.5. kull meta jitwettaq test prattiku sabiex tiġi vverifikata konformità mal-ħtiġiet imsemmija fuq, il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti:

5.4.5.5.1. il-mezz għandu jiġi konness mas-*side-members* tax-*chassis* tal-vettura jew ma' kwalunkwe ħaġa li tissostitwihom;

5.4.5.5.2. il-forzi speċifikati għandhom jiġu applikati bi staneg li huma artikolati b'mod adattat (eż. Permezz ta' ġonot universali) u għandhom ikunu paralleli mal-pjan medjan longitudinali tal-vettura permezz ta' superfiċi ta' mhux aktar minn 25ċm fl-għoli (l-għoli eżatt għandu jiġi indikat mill-manifattur) u 20ċm wiesgħa, b'radju ta' kurvatura ta' 5 ± 1mm fit-truf vertikali; iċ-ċentru tas-superfiċi jitqiegħed suċċessivament fil-punti P1, P2 u P3.

5.5 B'deroga mill-ħtiġiet imsemmija fuq, vetturi tal-kategoriji li ġejjin ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness fir-rigward tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara:

— tratturi għal semi-karrijiet,

— karrijiet 'sospiżi' u karrijiet simili oħra għat-trasport ta' zkuk jew oġġetti oħra twal ħafna,

— li għalihom il-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara hija inkompatibbli ma' l-użu tagħhom.

6. L-IMMARKAR TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

6.1. Kwalunkwe mezz protettiv tal-qiegħ fuq wara li jikkonforma mat-tip approvat skond din id-Direttiva bħala unità teknika separata għandu jkollu marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

6.2. Din il-marka għandha tikkonsistu f' rettanglu madwar l-ittra 'e' segwita bin-numru jew l-ittri ta' distinzjoni ta' l-Istat Membru li ta' l-approvazzjoni tat-tip:

1	għall-Ġermanja	12	għall-Awstrija
2	għal Franza	13	għal-Lussemburgu
3	għall-Italja	17	għall-Finlandja
4	għall-Olanda	18	għad-Danimarka
5	għall-Isvezja	21	għall-Portugall
6	għall-Belġju	23	għall-Greċja
9	għal Spanja	IRL	għall-Irlanda.
11	għar-Renju Unit		

Għandha wkoll tinkludi fil-viċinanza tar-rettanglu n-'numru bażi ta' approvazzjoni' kontenut fis-Sezzjoni 4 tan-numru ta' approvazzjoni tat-tip imsemmia fl-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE, preċedut biż-żewġ figuri li jindikaw in-numru ta' sekwenza assenjat għal-emenda teknika maġġuri l-iktar riċenti għad-Direttiva 70/221/KEE fid-data li fiha ingħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE. F'din id-Direttiva in-numru tas-sekwenza huwa '00'.

6.3. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għandha tiġi annessa mal-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara b' tali mod li ma titħassarx u tkun leġibbli b'mod ċar anke jekk il-mezz huwa mwaħħal ma' vettura.

6.4. Eżempju tal-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE jidher fl-Appendiċi 5.

7. MODIFIKI TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET

7.1. Fil-każ ta' modifiki tat-tip approvat skond din id-Direttiva, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.

8. IL-KONFORMITÀ TAL- PRODUZZJONI

8.1. Bħala regola ġenerali, għandhom jittieħdu miżuri sabiex jassiguraw il-konformità ta' produzzjoni mad-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Appendiċi 1

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru…

Skond l-Anness mad-Direttiva 70/156/KEE (*) li tikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara

(Id-Direttiva 70/221/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinn għandu jingħata fi skala adatta f' dettall suffiċjenti fuq karta ta' daqs A4 jew fuq *folder* ta' format A4. Ir-ritratti, jekk hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, l-komponenti jew l-untiajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. L-Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):.....

0.2. It-Tip u d-deskrizzjoni(ijiet) ġenerali kummerċjali:.....

0.3. Il-Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura ([b]):.....

0.3.1. Il-lokta' dak l-immarkar:.....

0.4. Il-Kategorija tal-vettura ([c]):.....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:.....

0.8. L-Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:.....

1. IL-KARATTERISTIĊI ĠENERALI TA' KOSTRUZJONI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew disinni ta' vettura rappreżentattiva:.....

1.5. Materjal użat għas-*side members* ([d]):.....

2. MASSES U DIMENSJONIJIET ([e])

(f' kg u mm) (irreferi għat-tpinġija meta applikabbli)

2.3.3. Il-Wisa' tal-fus l-iktar wiesa' fuq wara:.....

2.4. Il-medda tad-dimensjonijiet tal-vettura (globalment)

2.4.1. Għal *chassis* mingħajr karrozzerija

2.4.1.2. Il-Wisa' ([k]):.....

2.4.2. Għal *chassis* bil-karrozzerija

2.4.2.2. Il-Wisa' ([k]):.....

2.6. Il-Massa tal-vettura bil-karrozzerija, u b' mezz ta' aġganċjar fil-każ ta' vettura ta' l-irmonk ta' kategorija ta' xort'oħra minn M_1, operattiva, jew il massa tax-*chassis* bil-kabina jekk il-manifattur ma jarmax il karrozzerija u/jew l-mezz ta' l-aġganċjar (inkluż il-likwidu għat-tkessieħ, żjut, il-karburant, 100 % likwidi oħra ħlief ilma wżat, għodda, rota *spare* u s-sewwieq, u, għal xarabankijiet u *coaches,* il-massa tal-membru ta' l-ekwipaġġ (75kg) jekk hemm sedil għall-ekwipaġġ fil-vettura ([o]) ([f]):.....

.....

2.8. Il-massa massima mgħobbija teknikament permessibbli mill-manifattur ([p]) (il-massimu u l-minimu):.....

(*) In-numri tal-punti u tal-post illi wżati f'dan id-dokument ta' l-informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti li mhumiex relevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva thallew barra.

9. IL-KARROZZERIJA

9.1. It-Tip ta' karrozzerija (*):.....

9.2. Il-Materjal użat u l-metodu ta' kostruzzjoni (*):.....

9.15. Il-Protezzjoni tal-qiegħ fuq wara

9.15.1. Disinni tal-partijiet tal-vettura rilevanti għall-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara, jiġifieri disinn tal-vettura u/jew tax-*chassis* bil-pożizzjoni u l-armar tal-fus l-iktar wiesa' ta' wara, disinn ta' l-immuntar u/jew l-armar tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara. Jekk il-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara ma hu ebda mezz speċjali, id-disinn għandu juri b' mod ċar li d-dimensjonijiet meħtieġa huma sodisfatti:.....

9.15.2. Fil-każ ta' mezz speċjali, deskrizzjoni kompleta u/jew tpinġija tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara (inkluż immuntar u armar), jew, jekk pprovat bħala unità teknika separata, in-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:.....

.....

(Id-Data, il-*file*)

(*) Jekk applikabbli, meta parti mill-karrozzerija tifforma parti tal-protezzjoni ta' l-underrun fuq wara.

Appendiċi 2

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru…

Li jirrelata għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE bħala unità teknika separata fir-rigward ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara

(Id-Direttiva 70/221/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinn għandu jingħata fi skala adatta f' dettall suffiċjenti fuq karta ta' daqs A4 jew fuq *folder* ta' format A4. Ir-ritratti, jekk hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, l-komponenti jew l-untiajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. L-Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):.....

0.2. It-Tip u d-deskrizzjoni(ijiet) ġenerali kummerċjali:.....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:.....

0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal-KE:.....

0.8. L-Indirizz (i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:.....

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TA' KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA(I) li fuqhom il-mezz huwa maħsub li jiġi armat sa fejn jirrelataw għall-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara (waħħal ritratti u/jew tpinġijiet):.....

1.1. Is-somma minima tal-mumenti ta' *inertia* madwar l-assi orizzonatli tas-*side-members* tax-*chassis* fil-*cross-section*:.....

.....

1.2. Id-Distanza bejn is-*side-members* tax-*chassis* fil-punti ta' mmuntar tal-mezz:.....

.....

2. IL-MASSA U D-DIMENSJONIJIET

2.1. Il-massa massima mgħobbija teknikament permessibbli:.....

3. KARROZZERIJA

3.1. Deskrizzjoni kompleta u/jew disinn tal-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara (inkluż l-immuntar u l-armar):.....

.....

.....

(Id-Data, il-*file*)

Appendiċi 3

MUDELL

(il-format massimu: A4 (210 x 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

— l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1]),

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) fir-rigward ta' Direttiva…/…/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:.....

Raġuni għall-estensjoni:.....

SEZZJONI I

0.1. L-Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):.....

0.2. It-Tip u d-deskrizzjoni(ijiet) ġenerali kummerċjali:.....

0.3. Il-Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/l-komponent/l-unità teknika separata ([1]) ([2]):

.....

0.3.1. Il-lokazzjoni ta' dak l-immarkar:.....

0.4. Il-Kategorija tal-vettura ([1]) ([3]):.....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:.....

0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal- KE:.....

0.8. L-Inidirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:.....

SEZZJONI II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara l-Addendum

2. Is-Servizz tekniku responsabbli għat-twettieq tat-testijiet:.....

3. Id-Data tar-rapport tat-test:.....

4. In-Numru tar-rapport tat-test:.....

5. Rimarki (jekk hemm): ara l-Addendum

6. Il-Post:.....

7. Id-Data:.....

8. Il-Firma:.....

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa meħmuż.

(1) Ħassar fejn ma japplikax.
(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).
(3) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

Addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru…

li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara

(Id-Direttiva 70/221/KEE kif l-aħħar emendate bid-Direttiva…/…/KE)

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Il-Kategorija tal-vettura:.....

1.2. Il-vettura mhijiex mgħammra b' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara (1)

1.3. Il-vettura hija mgħammra b' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ *underrun* fuq wara (1)

1.3.1. Il-mezz ġie approvat bħala unità teknika separata (1)

— id-distanza mill-art u mill-wara tal-vettura:.....

— il-marka ta' approvazzjoni:.....

1.3.2. Il-mezz ma ġiex approvat bħala unità teknika separata (1)

— il-wisa', il-fond tas-sezzjoni, id-distanza mill-art u mill-wara tal-vettura:.....

— il-metodu ta' twaħħil:.....

5. Rimarki:.....

(1) Ħassar fejn mhux applikabbli

Appendiċi 4

MUDELL

(format massimu: A4 (210 x 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna

— l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

— -l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

ta' tip ta' vettura/component/unita teknika separata ([1]) fir-rigward ta' Direttiva…/…/KEE kif l-aħħar emendate bid-Direttiva…/…/KE

In-Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:.....

Ir-Raġuni għall-estensjoni:.....

SEZZJONI I

0.1. L-Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):.....

0.2. It-Tip u d-deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali:.....

0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/il-komponent/l-unità teknika separata ([1]) ([2]):

.....

0.3.1. Il-lok ta' dak l-immarkar:.....

0.4. Il-Kategorija tal-vettura ([1]) ([3]):.....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:.....

0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lokazzjoni u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal- KE:.....

0.8. L-Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:.....

SEZZJONI II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara l-Addendum

2. Is-servizz tekniku responsabbli għat-twettieq tat-testijiet:.....

3. Id-Data tar-rapport tat-test:.....

4. In-Numru tar-rapport tat-test:.....

5. Rimarki (jekk hemm): ara l-Addendum

6. Il-Post:.....

7. Id-Data:.....

8. Il-Firma:.....

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa meħmuż.

(1) Ħassar fejn ma japplikax.
(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).
(3) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

Addendum għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru…

Li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata fir-rigward ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara

(Id-Direttiva 70/221/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE)

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Il-Kostruzzjoni

1.1.1. Il-Materjal:.....

1.1.2. Il-Metodu ta' twaħħil:.....

1.1.3. Id-Dimensjoni tal-mezz:.....

1.2. Il-Massa massima teknikament permessibbli tal-vettura li fuqha il-mezz għandu jiġi mmuntat:.....

.....

1.3. Restrizzjonijiet ta' l-użu tal-mezz (jekk hemm):.....

5. Rimarki:.....

Appendiċi 5

Mudell għall-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE

a ≥ 12 mm





Il-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara li jġib il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE huwa mezz li ġie approvat fi Spanja (e 9) taħt l-approvazzjoni bażi 0148 abbażi ta' din id-Direttiva (00).

Il-figuri wżati huma biss indikattivi.